MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Numru 290/2006

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)

vs

Nicolette Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Nicolette Mifsud detentrici ta' karta ta' identita' numru 69878M, akkuzata talli nhar il-25 ta' Marzu, 2006 gewwa ta' Tas-Sliema ghal habta tas-7:00 p.m. volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharqet vettura BMW li ggib numru tar-registrazzjoni CED299 ghad-dannu ta' Mirelle Caruana u Cedric Caruana, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-hames mitt Lira Maltin imma huwa izjed minn hamsin Lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputata hi akkuzata li kkagunat hsara volontarja fuq il-vettura BMW numru ta' registrazzjoni CED299. Jirrizulta li d-danni saru ghad-dannu ta' Mirelle Caruana li kkostitwiet ruha parte civile. Jirrizulta li fil-hin meta l-vettura garbet il-hsarat allegati kienet qed tigi misjuqa mit-tifel taghha Cedric li mieghu l-imputata kienet mizzewga, illum iz-zwieg annullat.

Illi b'verbal tal-lum stess il-partijiet iddikjaraw illi kien qieghed jigi rikonoxxut li l-hsara kienet wahda involontarja u l-parti leza kienet qed tirrinunzja ghal kull azzjoni kriminali.

In vista ta' dan din il-Qorti qeghdha tiddikjara procediment esawrit u qeghdha tieqaf milli tieghu aktar konjizzjoni tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------